**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI ĠENERALI**

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA**
**LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 28 ta' Ottubru 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 101/2016 BS**

**Raymond u Mary Rose konjuġi Tabone**

**-vs-**

**Angelo Mizzi**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-atturi Raymond u Mary Rose konjuġi Tabone[1] illi ppremettew:**

1. Illi l-atturi huma sidien u pussessuri ta' porzjoni art maghrufa bhala Ta' Fuq il-Hotba, fil-limiti tal-Qala, Ghawdex, bil-kejl ta' cirka sitt mija u zewg metri kwadri (602m.k.) konfinanti mill-lbic in parti ma'

[1] A fol 1 sa 4, b'dokumenti annessi a fol 5 sa 9.

beni ta' Vincenzo Magrin u in parti ma' beni ta' Guzepp Buttigieg, grigal ma' beni ta' Michele Cassar, u majjistral ma' beni ta' l-ahwa Debono, liema art giet akkwistata minnhom b'att ta' l-ghoxrin (20) ta' Marzu elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) kif korrett b'att iehor tad-disgha (9) ta' April elf disgha mija u disgha u disghin (1999) (Dokument A u B). Din l-art hija murija fuq il-pjanta annessa bhala C.

2. Illi ricentement, u cioe' fix-xahar ta' Ottubru elfejn u sittax (2016), l-intimat ha f'idejh il-pussess ta' l-art imsemmija, u harat l-istess art, irrovina xitel tal-basal imhawwlin fiha mir-rikorrenti, nehha xi pilari li kien hemm f'din l-istess raba', haraq xi hatab fiha, u kif ukoll qata' bicciet mis-sigar tal-lewz li hemm fl-istess raba';

3. Illi b' dan il-mod, il-konvenut ha f'idejh il-pussess ta' din ir-raba' posseduta mir-rikorrenti, bil-konsegwenza li r-rikorrenti ma jistghux iktar igawduha;

4. Illi ghalhekk dan l-agir tal-konvenut qed jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin ghad-dannu tar-rikorrenti li jridu li dan l-ispoll jigi spurgat minghajr dewmien;

5. Illi dan ir-rikors qed jigi kkonfermat minn l-attur Raymond Tabone li ghandu konoxxenza vera u proprja tal-fatt li taw lok ghal din il-kawza.

**Talbu għalhekk lil din l-Onorabbli Qorti:**

(i) Tiddikjara illi l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin ghad-dannu ta' l-atturi meta ha f'idejh l-art art maghrufa bhala Ta' Fuq il-Hotba, fil-limiti tal-Qala, Ghawdex, bil-kejl ta' cirka sitt mija u zewg metri kwadri (602m.k.) konfinanti mill-lbic in parti ma' beni ta' Vincenzo Magrin u in parti ma' beni ta' Guzepp Buttigieg, grigal ma' beni ta' Michele Cassar, u majjistral ma' beni ta' l-ahwa Debono, liema art tinsab murija fuq il-pjanta Dokument C, u dana meta ha f'idejh il-pussess ta' l-art imsemmija, u harat l-istess art, irrovina xitel tal-basal imhawwlin fiha mir-rikorrenti, nehha xi pilari li kien hemm f'din l-

istess raba', haraq xi hatab fiha, u kif ukoll qata' bicciet mis-sigar tal-lewz li hemm fl-istess raba';

(ii) Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss jisporga l-ispoll minnu kommess u jerga jirripristina l-art ghall-istat li kienet qabel twettaq l-ispoll, u jhalliha a libera disposizzjoni ta' l-atturi;

(iii) Fin-nuqqas li jottempora ruhu ma' dik l-ordni tawtorizza lir-rikorrenti jaghmlu ix-xogholijiet necessarji huma a spejjez tal-konvenut.

Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata fid-9 ta Novembru 2016 – ittra nru. 548/16 u bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa ghas-subizzjoni.

**Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-atturi.**

**Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut Angelo Mizzi[2] illi eċċepixxa:**

1. Illi mhux tassew li l-atturi huma jew kienu possessuri tal-art 'de quo' u dana minkejja li pprezentaw mar-rikors guramentat dokumentazzjoni ntiza biex turi li huma proprjetarji u / jew possessuri tal-art in kwistjoni. Ghalkemm m'huwiex kompitu ta' din il-Qorti f'din il-kawza li tezamina t-titolu tal-proprjeta', ghal kull buon fini l-esponenti qieghed jesebixxi l-att minn fejn giet akkwistata l-art mill-awtur tieghu Salvu Mizzi u dana mhux sabiex jigi ppruvat it-titolu tal-art (xi haga li effettivament dan l-att jippruvaha, xi haga li kif gia inghad tezorbita mill-iskop ta' dina l-kawza) imma biex taghti ndikazzjoni u prova li din l-art ilha fil-pussess tal-esponenti, tal-familjari tieghu u tal-antennati tieghu ghal fuq minn mitt sena. Dan apparti l-fatt li l-kuntratti pprezentati mar-rikors guramentat

[2] A fol 14 sa 16, b'dokumenti annessi a fol 17 sa 26.

jirreferi ghal raba li skond il-provenjenza hija differenti kompletament minn dik li tinsab fil-pussess tal-konvenut;

2. Illi f'xi zmien jidher li l-atturi bdew jikkontestaw il-pussess ta' dina billi dahlu go fiha izda l-pussess baqa' dejjem f'idejn l-konvenuti u ghalhekk barra l-element tal-pussess (possedisse) jonqos ukoll l-element l-iehor ta' "infra bimestre deduxisse" ghaliex il-kontestazzjoni ilha ghaddejja ghal aktar minn xaghrejn u l-attur naqas milli jagixxi fi zmien xagharejn minn meta bdiet il-kontestazzjoni;

3. Illi ghar-rigward tat-tielet element u cioe' l-element ta' "spoliatum fuisse" dan lanqas ma jirrizulta ghaliex l-atturi qatt ma kienu effettivament fil-pussess tar-raba 'de quo' u kull meta dahlu fir-raba in kwistjoni dan ghamluh bi vjolazzjoni tal-pussess legittimu tal-konvenut u l-awturi kif ukoll b'mod klandestin ghaliex kull darba li l-atturi esercitaw xi forma ta' pussess dan ghamluh a insaputa tal-konvenut u l-awturi tieghu kif ukoll b'mod klandestin.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

**Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-konvenut.**

**Rat l-atti kollha**.

**Rat** li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta fil-5 ta' Marzu, 2021.[3]

**Rat** in-nota b'żewġ (2) dokumenti ta' denunzja *causa mortis* ippreżentata mill-atturi a fol 94 sa 96 tal-proċess. Osservat ukoll li din id-denunzja ġiet diversi drabi eżebita fl-atti[4]

**Rat** li fl-udjenza tal-15 ta' Jannar, 2019 l-atturi ddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.[5]

[3] A fol 273 sa 274
[4] Inkluz a fol 37 u 38, 154 sa 161, u 172 sa 178.
[5] Verbal a fol 204.

**Rat** ir-rikors tal-konvenut sabiex iressaq xhud mhux indikat fl-elenku tax-xhieda,[6] ir-risposta tal-atturi għall-istess,[7] u kull ma' segwa, inkluż id-digriet tagħha kif diversament presjeduta mogħti nhar it-12 ta' Awwissu, 2020[8] b'liema digriet il-Qorti kif diversament presjeduta laqgħet it-talba tal-konvenut.

**Rat** li fl-udjenza tas-17 ta' Settembru, 2021 il-konvenut iddikjara l-istadju tal-provi tiegħu magħluq.[9]

**Rat** li fl-udjenza tal-15 ta' Marzu, 2022 il-partijiet iddikjaraw il-provi u l-kontro-eżamijiet kollha magħluqa u l-kawża ġiet differita għal preżentata tan-noti ta' sottomissjonijiet kif ukoll għal-llum għas-sentenza.

**Rat** l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inkluż id-dokumenti eżebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**B. Provi:**

**Semgħat ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**Joseph Tabone**, iben l-attur Raymond Tabone, xehed permezz ta' affidavit.[10] Jgħid li l-art in kwistjoni hija magħrufa bħala "Ta' Fuq il-Ħotba", tinsab fil-limiti tal-Qala Għawdex, u fiha kejl ta' ċirka 602 metri kwadri. Jgħid li din l-art hija ta' missieru u li hu kien imur spiss fiha fis-sajf billi kien hemm min kien interessat li jixtriha.

[6] A fol 251.
[7] A fol 254.
[8] A fol 255 sa 261.
[9] Verbal tas-17 ta' Settembru, 2021.
[10] A fol 29 sa 30.

Isostni li din l-art ma hi maħduma minn ħadd ħlief missieru u ġieli mar miegħu sabiex jaqta mis-siġar li hemm fiha. Jgħid li xi għaxar snin ilu missieru kellu argument ma Angelo Mizzi dwar ta' min hi l-art. Ikompli li filwaqt li missieru kellu l-kuntratt ta' akkwist, Mizzi kellu biss id-denunzja ta' missieru u kien għalhekk li r-Reġistratur ta' l-Artijiet ċaħad l-applikazzjoni ta' Mizzi biex jirreġistra l-art bħala li hi tiegħu.

Jgħid li fis-26 ta' Ottubru, 2016 mbagħad missieru mar fl-għalqa kif jagħmel darba fil-ġimgħa u sab li xi ħadd kien daħal fiha u ħadem l-art, ħaraq xi ħatab kif ukoll qaċċat mis-siġar li hemm. Ikompli li kien għalhekk li missieru ddeċieda li jwaqqaf pilari tal-ġebel sabiex juri li hemm proprjeta' tiegħu. Jgħid li dawn il-pilari twaqqfu dakinhar stess filgħaxija fuq il-parti ta' fuq u fil-parti ta' isfel ta' l-art in kwistjoni.

Jgħid li l-għada, hu u missieru marru l-għassa tal-pulizija u għamlu rapport. Ikompli li mistoqsi mill-pulizija f'min kellu suspett, missieru wieġeb li kien qed jissuspetta f'Angelo Mizzi u dan minħabba l-kwistjoni li kellhom għaxar snin qabel.

Jgħid li missieru anke ħawwel il-basal fl-għalqa iżda Mizzi reġa' daħal u ħaratha u b'hekk qered ix-xitel kollu. Iżid li minħabba f'dan sar aġġornament tar-rapport għand il-pulizija.

Ikompli jgħid li xi ġimgħatejn wara marru fuq il-post u sabu li Mizzi kien għamel rampa bejn iż-żewġ livelli tar-raba tagħhom (l-atturi) u għalhekk huma neħħewha.

Jgħid li kull darba li kienu jagħmlu l-pilari Mizzi kien imur ineħħihom.

**Raymond Tabone,** l-attur, xehed permezz ta' affidavit.[11] Jgħid li l-art in mertu akkwistaha permezz ta' kuntratt ta' l-20 ta' Marzu, 1997 korrett b'att tad-9 ta' April, 1999. Jgħid li meta xtara l-art din kienet fi stat ta' abbandun u kien hu li naddafha u għamel ix-xogħol fiha. Iżid li kien imur

[11] A fol 32 sa 34 b'dokumenti annessi a fol 35 sa 54.

fiha ta' spiss, kważi kull ġimgħa, sabiex jaqta l-ħaxix għal fniek u jiġbor il-lewż iżda ma kienx jaħdimha. Jgħid li ħadd ma' kien jaħdimha. Iżid li l-aktar li kien imur fiha kien nhar ta' Ħadd meta kien jieħu ż-żewġ ta' klieb tiegħu fiha.

Jgħid li f'xi żmien, xi disgħa (9) snin wara li huwa xtara l-art, avviċinah il-konvenut Mizzi u staqsieh għaliex irreġistra l-art u li l-art kienet tiegħu. Jgħid li l-art irreġistraha skond kif xtraha. Iżid li fl-istess żmien Mizzi għamel kawzjoni.[12]

Ikompli li billi kien hemm tnejn minn nies qed jivvintaw pretensjoni fuq l-art, ir-Reġistratur ta' l-Artijiet talabhom jissottomettu d-dokumenti abbażi ta' liema r-Reġistratur ċaħad it-talba ta' Mizzi għax deherlu li Mizzi ma kellux titolu (jgħid li Mizzi kellu biss denunzja ta' missieru).[13] Jgħid li wara dan Mizzi qallu li ma kienx ser jivvanta aktar pretensjonijiet fuq l-art u kollox mar sieket sakemm fis-26 ta' Ottubru, 2016 l-attur mar fuq il-post u sab l-art maħduma, il-ħatab maħruq, u s-siġar mqaċċtin. Iżid li dakinhar iddeċieda li jagħmel pilari tal-ġebel sabiex juri li hemm kien tiegħu u allura, filgħaxija stess mar ma ibnu u għamel tella' l-pilari.

Jgħid ukoll li l-għada li sab l-art maħduma huwa mar l-għassa jagħmel rapport u meta l-pulizija kkonfrontaw lil Mizzi dan ammetta li kien daħal fl-għalqa għax qal li kienet tiegħu.

Jgħid li wara dan, fil-31 ta Ottubru, 2016 ħawwel il-basal fl-għalqa iżda meta ġimgħa wara mar ibnu sab li l-għalqa kienet maħruta u x-xitel tal-basal kienu rovinati. Jgħid li apparti li ħarat l-għalqa l-konvenut neħħa wkoll il-pilari li kien waqqaf huwa fl-għalqa biex jimmarka t-territorju. Iżid li għalhekk huwa mar u għamel aġġornament tar-rapport għand il-pulizija.

Ikompli li fid-9 ta' Novembru, 2016 bagħat ittra uffiċjali (nru. 548/2016) lill-konvenut sabiex ma jibqax iżomm f'idejh il-pussess tar-raba in kwistjoni.

---

[12] Jipprezenta kopja tal-kawzjoni a fol 35.
[13] Jipprezenta dokumenti a fol 36 sa 43.

Iżid li fl-10 ta' Novembru, 2016 mar f'din l-art u nzerta kien hemm il-konvenut ineħħi l-pilari[14] u kellhom argument fuq l-art. Jgħid li qabel telaq minn fuq il-post huwa reġa' waqqaf il-pilari tal-ġebel u mar dritt l-għassa. Iżid li dakinhar il-pulizija nfurmah li Mizzi kien għamel rapport huwa wkoll.

Jgħid li fit-12 ta' Novembru, 2016 reġa' għamel il-pilari u jumejn wara kellu jerġa jagħmilhom għax sab li kienu tneħħew.

Iżid li fit-28 ta' Novembru, 2016 mar f'din l-art u reġa' sab li din kien għadha kemm ġiet maħruta. Jgħid li sab ukoll salib tal-qasab u kissru[15] u li Mizzi kien reġa' neħħa l-pilari u għalhekk reġa' mar l-għassa biex jagħmel rapport ulterjuri.

Iżid li wara dan huwa ntavola dawn il-proċeduri.

Jispjega li huwa jaħseb li Mizzi reġa' qamlu l-interess f'din l-art għax semgħa li kienet ser tinbiegħ lil ċertu Raymond Buttigieg.

Iżid li Mizzi għandu artijiet oħrajn fil-Qala li lkoll jaħdimhom u huwa għalhekk stramb li kemm ilu li akkwistaha hu (l-attur), Mizzi qatt ma' ħadem din l-art ukoll kieku vera ħass li hija tiegħu.

**PS 1233 John Attard**, xehed[16] li rapporti mal-pulizija saru miż-żewġ partijiet kontendenti. Jgħid li t-tnejn li huma jgħidu li l-art in mertu hija tagħhom. Ippreżenta kopji ta' żewġ (2) rapporti.[17]

**PS 715 Lucian Gatt**, xehed[18] li fis-27 ta' Ottubru, 2016 l-attur mar jagħmel rapport li l-ġurnata ta' qabel, 26 ta' Ottubru, 2016, xi ħadd kien daħal ġo

[14] Jipprezenta ritratt ta' dan a fol 47.
[15] Jipprezenta ritratt ta' dan a fol 52.
[16] A fol 59 sa 61.
[17] Rapporti a fol 62 sa 67.
[18] A fol 68 sa 71.

l-għalqa tiegħu, ħaratha u anke żabar xi lewż. Jgħid li l-attur kellu suspett fil-konvenut Mizzi billi xi żmien qabel dan kien ipprova jirreġistra l-għalqa fuq ismu.

Jgħid li għalkemm Mizzi kkonferma li hu u ħuh kienu ħartu xi għelieqi, insista wkoll li l-għelieqi li ħartu kienu tagħhom mingħajr iżda ma identifika liema għelieqi ħartu. Jgħid li huwa ma marx fuq il-post.

Jippreżenta kopja ta' rapport.[19]

**PS 1061 Justin Zammit**, xehed[20] fuq ir-rapport eżebit minn PS 715 Lucian Gatt. Jgħid li huwa kull m'għamel kien aġġornament tar-rapport meta l-attur kien sab li l-għalqa tiegħu kif miżrugħa basal kienet ġiet maħruta u li kienu tneħħew xi pilari.

**PS 559 Jason John Spiteri**, xehed[21] li mar il-konvenut Angelo Mizzi sabiex jirraporta li xi ħadd li kien jissuspetta li kien l-attur Raymond Tabone, daħallu ġo l-għalqa tiegħu fejn huwa sab ukoll ġebel kbir u zgħir mitfuħ `l hinn u `l hawn. Iżid li Mizzi kien qallu li aktar kmieni dakinhar stess, qabel mar jagħmel ir-rapport, huwa nzerta kien f'din l-art meta niżel Tabone u ħadlu xi ritratti.

Jgħid li mbagħad huwa kellem lill-attur, Tabone, li kien infurmah li l-art in kwistjonji kienet xtraha hu u li kienet reġistrata f'ismu. Qallu wkoll li l-konvenut kien qed ineħħi l-pilari tal-ġebel li kien qed ipoġġi hu f'din l-għalqa.

Jippreżenta kopja ta' rapport.[22]

[19] Rapport a fol 72 sa 74.
[20] A fol 75 sa 76.
[21] A fol 77 sa 79.
[22] Rapport a fol 80 sa 83.

**PS 664 Jason Xerri**, xehed[23] li l-attur Tabone nfurmah li mar f'għalqa tiegħu l-Qala magħrufa bħala "Ta' Fuq il-Ħotba" u saba maħruta friska. Iżid li l-attur nfurmah ukoll li xi pilari tal-ġebel li kien tella ma' kienx għadhom hemm. Jgħid li Tabone qallu li kellu suspett f'Mizzi u għalhekk ġie mitkellem Mizzi. Jgħid li min-naħħa tiegħu Mizzi qal li hemmhekk tiegħu u li hu kien ħartu u kien anke neħħa xi pilari tal-ġebel.

Jippreżenta kopja ta' rapport minn fejn jirriżulta wkoll certu John Mary Sciberras li iddikjara li ħarat l-art flimkien mal-konvenut Mizzi.[24]

**Arthur Bajada,** in rappreżentanza tad-Dipartiment tal-Biedja, xehed[25] illi l-art in kwistjoni ġiet reġistrata fit-13 ta' April, 2006 mill-attur bħala l-persuna li taħdem dik l-art. Jgħid illi fil-proċess ta' reġistrazzjoni l-persuna ma tiġix mistoqsija jekk l-art hix tiegħu u ċ-ċertifikat jinħareġ sakemm ma jkunx hemm ċertifikat maħruġ lil ħaddiehor fuq dik l-istess art. Jgħid li dan iċ-ċertifikat ma jagħtix dritt legali fuq l-art.

Jgħid li l-istess biċċa art reġgħet ġiet reġistrata mill-attur fil-21 ta' Frar, 2017 sal-1 ta' Ġunju, 2017 bħala *agritech* jiġifieri art agrikola li ma tinħadimx u dan stante li l-attur kien marad. Bħala art *agritech* ma' jingħatax sussidju fuqha.

Ikompli jixhed li l-konvenut ikkontesta din ir-reġistrazzjoni fl-24 ta' April, 2017. L-attur imbagħad beda proċess ta' kontestazzjoni hu wkoll fit-2 ta' Mejju, 2017 u anke nforma lil *Front Office Paying Agency* li hemm kawża għaddejja bejn il-partijiet.

Iżid li fl-1 ta' Ġunju, 2017 din l-art ġiet imblukkata (*blocked*) sakemm tiġi deċiża l-kawża.

Jikkonferma li sabiex tirreġistra l-art bħala *agritech* irid ikollok ir-raba' f'idejk. Jgħid li l-konvenut qatt ma' kien ipprova jirreġistra dik l-art mad-

[23] A fol 84 sa 86.
[24] Rapport a fol 87 sa 89.
[25] A fol 101 sa 104.

Dipartiment iżda mbagħad daħħal kontestazzjoni wara li l-attur irreġistraha hu.

**In kontro-eżami**,[26] saħaq illi r-reġistrazzjoni ssir fuq dikjarazzjoni ta' min ikun irid jirreġistra u sakemm ma' jkun hemm ħadd reġistrat fuq l-istess raba'. Jgħid li ġieli jsiru spezzjonijiet sabiex id-Dipartiment jara li min irreġistra l-art u qed jieħu s-sussidju jkun verament qed jaħdimha. Jgħid li fil-każ ta' l-attur b'hekk kienu ndunaw li dan, għalkemm kien reġistrat, ma' kienx qed jaħdem ir-raba', u għalhekk imbagħad kienu tkellmu miegħu, sabu li kien marad, u kien ġie eżentat minn multa iżda r-reġistrazzjoni nqalbet għal *agritech*.

Jippreżenta wkoll sensiela ta' dokumenti konsistenti mar-reġistrazzjonijiet tal-art u l-kontestazzjonijiet fuqhom.[27]

**Mark Cini**, in rappreżentanza ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar, xehed[28] rigward l-applikazzjoni ta' żvilupp PA3398/07 li saret minn Joseph Portelli fuq is-sit kif jidher fil-pjanta annessa mall-permessi esebiti waqt ix-xhieda. Jimmarka l-posizzjoni tas-sit fuq il-pjanta a fol 9 tal-proċess minn fejn jirriżulta li dan is-sit huwa ndipendenti mill-art mertu ta' dawn il-proċeduri.

**Xehed ulterjorment**[29] illi mitlub jerġa jixhed rigward oġġezzjonijiet li saru għall-applikazzjoni PA3398/07 huwa sab li saru oġġezzjonijiet wara li saret l-applikazzjoni, qabel is-seduta meta ttieħdet l-ewwel deċiżjoni, u anke fl-istadju ta' rikonsiderazzjoni. Intrabat li jippreżenta kopja tal-oġġezzjonijiet kollha b'nota li fil-fatt ippreżenta nhar is-7 ta' Jannar, 2019.[30] Fost l-oġġezzjonijiet hemm tlieta (3) magħmulha mill-attur (a fol 184, 190 u 199) u tnejn (2) magħmulha mill-konvenut (a fol 189 u 192[31])

[26] A fol 104 sa 105.
[27] A fol 106 sa 114.
[28] A fol 115 sa 117, b'dokumenti ezebiti a fol 118 sa 127.
[29] A fol 179 sa 180.
[30] A fol 182 sa 203.
[31] L-istess oggezzjoni tal-konvenut a fol 192 regghat giet ezebita mill-konvenut inniffsu a fol 271.

mingħajr iżda indikazzjoni tal-parti mil-art milquta bl-applikazzjoni *de quo* li fuqha jsostnu l-oġġezzjoni tagħhom.

**Dr. Marlin Vella**, in rappreżentanza tar-Reġistru tal-Artijiet, xehed[32] illi huwa ħareġ ċertifikat rigward l-għalqa "Ta' Fuq il-Ħotba", tal-kejl 602 metri kwadri, il-Qala, Għawdex, l-għalqa mertu ta' din il-kawża. Jgħid li fl-1997 l-attur applika għar-reġistrazzjoni u, wara dan, il-konvenut flimkien ma oħrajn daħlu kawzjoni. Jgħid li wara dan, iż-żewġ partijiet intalbu jipproduċi aktar informazzjoni bil-konvenut ippreżenta denunzja. Jgħid li l-konvenut kellu jippreżenta dokumenti oħrajn li, pero', baqa' ma' ippreżentax.

Jgħid ukoll li wara dan kollu l-konvenut daħħal kawzjoni oħra fl-2017 pero' kienu laħqu għaddew l-10 snin mill-ewwel reġistrazzjoni u għalhekk ir-Reġistratur ta' l-Artijiet ma ħax konjizzjoni tagħha. B'hekk l-art illum hija reġistrata b'titolu assolut fuq Raymond Tabone.

**In kontro-eżami**,[33] jerġa jgħid li ż-żewġ partijiet intalbu jipproduċi informazzjoni bil-konvenut ippreżenta denunzja. Jgħid li l-konvenut kellu jippreżenta dokumenti oħrajn li, pero', baqa' ma' ippreżentax.

**Xehed ulterjorment**[34] fejn ikkonferma li l-ewwel applikazzjoni daħlet fit-3 ta' April, 1997 minn Raymond Tabone. Iżid li wara dan saret kawzjoni minn Angelo Mizzi u terzi li jidentifika bħala ħut Mizzi. Jgħid li hawnhekk huwa talab xi dokumentazzjoni mingħand Mizzi iżda din baqgħat ma' ngħatatlux. Jgħid li imbgħad ġiet rifjutata l-kawzjoni. Iżid li aktar tard, fl-2017, saret kawzjoni oħra minn Mizzi u terzi (ħut Mizzi) iżda din ma' ġietx aċċettata stante li kienu għaddew 10 snin mill-ewwel reġistrazzjoni. Jippreżenta dokumenti varji.[35]

---

[32] A fol 132 sa 133 b'dokumenti ezebiti a fol 136 sa 138.
[33] A fol 133 sa 135.
[34] A fol 149 sa 151.
[35] Dokumenti a fol 152 sa 178.

**Xehed ulterjorment** bħala xhud tal-konvenut,[36] fejn eżebixxa diversi dokumenti relattivi għad-*"dawra kollha tal-proprjeta' rregistrata bit-titolu numru 48000336"*.

**Raymond Buttigieg**, li kiber b'missieru jaħdem għalqa biswiet dik in mertu, xehed bil-proċedura ta' l-affidavit.[37] Jgħid illi huwa midħla ta' l-inħawi fejn tinsab l-għalqa in kwistjoni peress li missieru Joseph Buttigieg kellu għalqa hemm b'parti minnha tmiss ma l-art mertu ta' din il-kawża.

Jafferma illi meta kien żgħir kien imur fl-għalqa ta' missieru u ġieli ra lil Mizzi fl-art mertu tal-kawża. Jgħid li reċentement rah anke jaħratha. Jgħid ukoll li ġieli ra lill-attur fl-għalqa u anke kien talab lill-attur sabiex ma jiżborx il-frieghi tal-lewż li kienu qed jifirxu għal ġo l-għalqa tal-familja tiegħu. Jafferma li l-attur kien anke staqsieh jekk kienx interessat li jixtri l-għalqa in mertu mingħandu.

**Angelo Mizzi,** il-konvenut, xehed[38] illi l-biċċa raba' mertu tal-kawża, magħrufa bħala "Ta' Fuq il-Ħotba", kienet dejjem għand iz-zijiet tiegħu u dawn kienu jqabbluha lil terzi sakemm ommu talbithom iċeduha lura lilhom u dawn għamlu hekk. Jgħid li l-qbiela ma' dawn it-terzi ilha li spiċċat madwar għoxrin (20) sena u wara li spiċċat il-qbiela r-raba' ġiet f'idejhom.

Iżid li eventwalment huma fdew iċ-ċens li nfeda minn diversi persuni fuq medda art akbar li kienet tinkorpora din u allura din l-art ġiet f'idejhom ħielsa. Jikkonferma li ċ-ċedola ta' fidi ta' ċens hija dik li tinsab a fol 22 sa fol 26 tal-proċess.

Jgħid ukoll illi l-kuntratt li jinsab a fol 17 tal-proċess huwa l-kuntratt ta' akkwist ta' l-art li kien sar minn nannu tiegħu Salvu Mizzi. Jisepjega li

[36] A fol 220 sa 221, b'dokumenti ezebiti a fol 222 sa 246.
[37] A fol 148.
[38] A fol 205 sa 214.

allura din l-ewwel kienet f'idjen nannuh imbagħad, bil-wirt u diviżjoni din ġiet f'idejn ommu.

Ikompli li mbagħad din l-għalqa tawha lir-raġel ta' oħtu sabiex jaħdimha. Jgħid li bejn l-aħwa kien hemm kawża ta' diviżjoni għaddejja rigward l-artijiet li wirtu fl-istess territorju u anke ingħatat sentenza u l-art mertu ta' din il-kawża tissemma fis-sentenza. Jgħid li mbagħad ir-raġel ta' oħtu ħareġ mill-għalqa in mertu u daħal fiha hu.

Jgħid li huwa ma' kienx jaħdimha imma kien jieħu ħsiebha, fost oħrajn billi kien imur fiha jaqta' l-ħaxix għan-nagħaġ. Jafferma li qatt ma' dejqu ħadd u sar biss jaf li l-attur kien jidħol fl-għalqa meta mar jagħmel id-denunzja ta' ħuh u skopra li l-art kienet irreġistrata fuqu (Raymond Tabone). Jgħid li huwa baqa' fiha xorta u għamel kawzjoni kontra r-reġistrazzjoni ta' l-attur. Jinsisti li tul dan iż-żmien l-art in mertu kienet dejjem f'idejhom.

Jinsisti li Raymond Tabone ma kienx ikun f'din l-għalqa u daħal biss meta huwa (il-konvenut) ħarat l-għalqa, Tabone rrappurtah, u bagħtu għalih il-pulizija. Jgħid li minn dakinhar meta mar fl-għalqa kien sab il-ġebel l'hemm u l'hawn. Ikompli jgħid li l-attur mar sabu u qallu li l-art issa kienet tiegħu u huwa spiċċa mar jagħmel rapport l-għassa wkoll. Iżid li l-attur ħadlu r-ritratti f'din l-għalqa u jgħid li l-għalqa għadha f'idejh.

**Xehed ulterjorment**[39] rigward xhud addizzjonali li talab li jressaq meta ma' kienx wieħed indikat.

**In kontro-eżami**[40] jgħid li huwa sar jaf bl-attur meta mar jirreġistra d-denunzja ta' ħuh. Jgħid li dan kien aktar minn għaxar (10) snin ilu. Jikkonferma wkoll li fl-2016 huwa ammetta mal-pulizija li kien qata' biċċiet mis-siġar u qata' l-ħaxix. Jgħid ukoll li din ma' kienitx l-ewwel darba li għamel dan.

[39] A fol 257 sa 258.
[40] Seduta tal-15 ta' Marzu, 2022.

Jgħid li huwa kien isib ġebel fl-għalqa, mhux pilari, u dan kien ineħħih. Jgħid ukoll li ma' ra ebda basal miżrugħ fl-għalqa. Jgħid basal tal-għansar kien hemm għax kien ilha ma' tinħadem.

Jgħid ukoll li l-għalqa ħadimha wara li neħħa l-ġebel. Jiċċara li l-ewwel hadimha, imbagħad beda' jsib il-ġebel fiha. Jgħid li qabel l-ewwel darba li ħadimha kien xorta jmur fiha biex jaqta' il-ħaxix pero, dak iż-żmien ir-raba kienet qbiela għand ħaddiehor. Jgħid li wara li ġiet ċeduta l-qbiela beda' jmur fiha regolari.

Jinsisti li huwa ġebel fl-art kien isib u mhux pilari li jindikaw li xi ħadd qed jaħdem l-art. Jikkonferma li l-attur mar fuqu waqt li kien ineħħi l-ġebel mill-għalqa.

Jiċħad li l-għalqa kienet maħduma minn xi ħadd qabel ħadimha hu u jgħid li hu ma ra l-ebda xitel tal-basal miżrugħ fl-għalqa. Iżid li tant hu hekk li ħarat l-għalqa u żera l-ful. Jgħid li wara sab il-ful maqlugħ.

Jinsisti li l-pilari tal-ġebel kienu ġo l-għalqa maħruta – wara li ħaratha hu. Jgħid ukoll li huwa mhux pilari neħħa iżda ġebel li kien mitfugħ fl-għalqa addoċċ.

Itenni li sakemm saru r-rapporti l-għassa l-għalqa ma' kienet tinħadem minn ħadd ħliefu. Jikkonferma li għand minn kienet imqabbla l-art kienu jaħdmuha, imbagħad, wara li l-art ġiet ċeduta lura lil familja tiegħu, huma damu ma' reħgħu bdew jaħdmu l-għalqa. Jinsisti li l-azzjonijiet kontrih bdew wara li hu reġa beda jaħdem l-art, mhux ra l-art tinħadem u daħal fiha kif suġġerit.

Jgħid li huwa ġie li mar f'din l-għalqa darbtejn f'ġimgħa iżda ġie wkoll li għaddew xahrejn u ma' kienx mar l'hemm. Itenni li lil attur qatt ma rah fl-għalqa ħlief meta huwa ħaratha u l-attur mar jgħidlu li l-għalqa kienet tiegħu. Jaqbel li huwa sar jaf bl-attur qabel dan, meta għamlu d-denunzja ta' ħuh.

**Joseph Buttigieg**, li familtu għandha art maġenb dik in mertu, xehed permezz ta' affidavit.[41] Jgħid li l-familja tiegħu għandha raba' f' "Tal-Ħotba", il-Qala, Għawdex liema raba' jmiss ma' raba' iehor tal-konvenut li jgħid li huwa dak ir-raba' oġġett ta' din il-kawża. Jgħid li meta irreġistraw ir-raba tagħhom huma ndikaw li dan jikkonfina ma' tal-familja tal-konvenut.

**In kontro-eżami**[42] xehed li huwa ilu ma jmur f'dan ir-raba' xi tletin (30) sena. Jgħid li l-familja tiegħu kellhom il-kmamar mal-qasma tar-raba in kwistjoni u kellhom il-bhejjem allura kienu jkunu hemm kuljum. Muri l-pjanta a fol 9 tal-proċess jgħid li ma' jafx jindika fejn' hu r-raba' li semma' fl-affidavit.

**Saviour Hili,** prodott mill-konvenut, xehed permezz ta' affidavit.[43] Jafferma illi huwa jaf li l-għalqa in kwistjoni hija tal-konvenut u l-familja tiegħu tant li meta ried jonsob fiha lilhom staqsa għal permess.

**In kontro-eżami**[44] jgħid li huwa joqgħod qrib l-għalqa. Jgħid li "Tal-Ħotba" hemm ħafna raba' u hija medda kbira. Jgħid li l-għalqa li tkellem fuqha fl-affidavit tiegħu hija għalqa li ma tinħadimx u fiha s-siġar tal-lewż. Jgħid iżda li ġieli ra lil ta' Mizzi fiha. Mistoqsi jistax jindika kemm kien kbir ir-raba' fejn kien jara lil ta' Mizzi jgħid li le. Jgħid li ilu ma jmur hemm madwar għoxrin (20) sena. Jinsisti li kienet raba' miżruha siġar tal-lewż, mhux raba' tinħadem.

**Alessio** ***sive*** **Alex Attard,**[45] prodott mill-konvenut, xehed permezz ta' affidavit.[46] Jgħid li r-raba' "tal-Ħotba" tikkonsisti f'żewġ biċċiet raba' ħdejn xulxin. Jgħid li din ir-raba' jafa sew għax kien u għadu jgħix maġenba sew, tant li jaraha minn ġo daru, stante li qiegħdha maġenb id-

[41] A fol 248.
[42] Seduta tad-9 ta' Novembru, 2021.
[43] A fol 266.
[44] Seduta tad-9 ta Novembru, 2021.
[45] Fil-verbal tal-udjenza tal-14 ta' Jannar, 2021 hemm kjarifika li dan huwa l-istess xhud li dwaru sar ir-rikors u nghata digriet stante li ma' kienx indikat fl-elenku tax-xhieda tal-konvenut.
[46] A fol 267.

dar li kienet tal-ġenituri tiegħu u li issa hija tiegħu. Jafa wkoll għax kienet imqabbla lil familja tiegħu mill-familja tal-konvenut. Jgħid li din ir-raba kien anke jużaha hu sabiex jonsob fiha. Jgħid ukoll li meta ma' baqax jonsob dan ir-raba' huwa telqu sakemm reġgħu bdew jaħdmuh il-familja Mizzi. Jgħid ukoll li jiftakar lill-ommu tibgħatu jħallas il-qbiela ta' nofs Lira Maltija lil Gużeppa Mizzi. Jgħid li eventwalment Gużeppa Mizzi talbithom jitilqu l-qbiela u jċedu l-art lura lilha. Jikkonferma li huwa sa minn dejjem jaf lil familja Mizzi bħala s-sidien ta' din ir-raba'.

**In kontro-eżami**[47] xehed li r-raba' in kwistjoni ilu ma jmur fiha anke għax kien mar jgħix barra. Jgħid li din ir-raba' kienu jaħdmuha l-familja tiegħu pero' kienu fil-qbiela. Jgħid li huma telqu l-qbiela xi tletin (30) sena ilu. Mistoqsi fejn kien jaf fuq liema art kien qed jixhed meta għamel l-affidavit u jekk xi ħadd uriħx pjanta, stante li f' 'Tal-Ħotba" hemm ħafna art, jgħid li ma' jiftakarx pero' jaf fuq xiex qed jixhed. Muri l-pjanta a fol 9 tal-proċess, jgħid li l-għalqa kienet waħda fuq u l-oħra taħt biż-żgħira kienet taħt. Jgħid ukoll li n-nanniet tiegħu hemmhekk kienu jaħdmuh ful u piżelli.

**Salvina Debono,** prodotta mill-konvenut xehdet permezz ta' affidavit.[48] Tgħid li hija kienet gabbillotta taċ-ċens perpetwu tal-biċċa art "Tal-Ħotba" fil-limiti tal-Qala, Għawdex. Tgħid li hija kienet tiġbor iċ-ċens mingħand il-familja tal-konvenut Angelo Mizzi magħrufin bħala 'tal-Fenek' flimkien ma' oħrajn. Tikkonferma li dan iċ-ċens kien eventwalment infeda. Tgħid li apparti lil tal-Fenek tiftakar lin-nies jgħidu li hemmhekk huwa wkoll miżmum mil-familja magħrufa bħala 'taż-Żuż'.[49]

## C. Ikkunsidrat:

[47] Seduta tad-9 ta' Novembru, 2021.
[48] A fol 270.
[49] Ghalkemm ma' sarx kontro-ezami ta' din ix-xhud, il-veracita' tax-xhieda taghha ma' gietx accettata u dan ai termini tal-verbal tal-udjenza tad-9 ta' Novembru, 2021.

B'din l-istanza l-atturi Raymond u Mary Rose konjuġi Tabone qiegħdin jitolbu lil din il-Qorti tiddikjara illi l-konvenut Angelo Mizzi kkommetta spoll a dannu tagħhom meta daħal fl-art tagħhom magħrufa bħala "Ta' Fuq il-Ħotba", sitwata fil-limiti tal-Qala, Għawdex u ppussessa ruħu minnha billi ħarat l-istess, irvina xitel tal-basal li kienu ġew imħawwla minnhom, neħħa xi pilari li kienu tellaw fl-istess art, kif ukoll żabar xi siġar tal-lewż li hemm fl-istess art u ħaraq il-ħatab. L-atturi jitolbu għalhekk lill-Qorti sabiex wara li tiddikjara li l-konvenut ikkommetta spoll tikkundannah jisporġa l-ispoll kommess u jirripristina l-art għall-istat li kienet fih qabel l-ispoll imwettaq minnu, jillibera l-istess u jħalliha a dispozizzjoni tagħhom. Fin-nuqqas, talbu lill-Qorti tawtorizza lilhom sabiex jagħmlu dan a spejjeż tal-konvenut.

Il-konvenut laqgħa għal dawn it-talbiet tal-atturi billi qal li l-atturi mhux tassew li kienu pussessuri tal-art *de quo* iżda dawn, f'xi żmien, daħlu f'din l-art u kkuntestaw il-pussess tagħha bil-pussess pero', dejjem baqa' f'idejn il-konvenut. Jeċċepixxi allura li l-elementi tal-ispoll ma' jirriżultawx għaliex il-pussess dejjem kien f'idejh u b'hekk anqas jista' jingħad li kien hemm spoll.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

L-azzjoni odjerna hija ta' spoll kif kontemplat fl-Artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, Liġijiet ta' Malta, li jaqra:

> **535.** *(1) Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi,* ***mneżżgħa mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni*** *ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista',* ***fi żmien xahrejn mill-ispoll****, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur tal-ispoll, li terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*
>
> *(2) Dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess jiġi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-ħaġa li tagħha l-attur ikun bata l-ispoll.*

Minn dan l-aritkolu jirriżultaw l-elementi essenzjali sabiex attur jirnexxi f'azzjoni ta' spoll.

Dawn l-elementi huma tlieta:

i. li huwa kien jipposjedi l-oġġett in mertu b'pussess ta' kwalunkwe' xorta jew b'detenzjoni - *possedisse*;
ii. li huwa ġie spoljat minn dak il-pussess jew detenzjoni - *spoliatum fuisse*, u;
iii. li huwa ntavola l-kawża ta' spoll fi żmien xahrejn mill-jum li fih sar l-att spoljattiv allegat minnhu - *infra bimester deduxisse*.

**Rigward l-ewwel element, il-*possedisse*,** huwa paċifiku li l-espressjoni *"pussess ta' liema xorta jkun"* tikkomprendi kwalunkwe' tip ta' "pussess" inkluż dak ċivili *kemm dak semplicimentnaturali u anke dak vizzjuz*.[50]

Ingħad infatti:

Fid-deċiżjoni mogħtija fl-ismijiet ***Giuseppe Cassar et vs Paolo Cassar et***,[51] il-Qorti stabilixxit illi *"biex il-gabillott jirnexxi fl-azzjoni ta' spoll minnhu ntentata biex jigi reintegrat fil-pussess ta' passagg li fih jippretendi li gie turbat, jehtieglu jipprova li huwa ghandu l-pussess jew kwazi pussess esklussiv tal-passagg, u mhux bizzejjed li juri li ghandu biss id-dritt li jghaddi mill-passagg."*

Ingħad ukoll:

*"Neanche' e' permesso in questa causa di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo domini o no; perche' la legge non richiede che un possesso materiale e di fatto; tanto e' vero che si concede la detta azione anche al possessore che avesse in tempo precedente usurpato con violenza la cosa altrui" (Vol X p55).*[52]

Iżda huwa dejjem meħtieġ li attur f'kawża bħal din jipprova li għandu dan il-pussess, anke jekk il-pussess ikun wieħed qasir ħafna u saħansitra momentarju, dan xorta waħda huwa suffiċjenti sabiex jawtorizza l-

[50] Vol XLII p. II p. 973. Ara wkoll id-decizjoni moghtija nhar il-31 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet ***John Sammut vs Emmanuel Sammut***, Citazz. Nru. 941/1995/2 PS.

[51] Deciza 11 ta' Marzu, 1955, Prim Awla

[52] Iccitat fl-istess decizjoni moghtija nhar il-31 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet ***John Sammut vs Emmanuel Sammut***, Citazz. Nru. 941/1995/2 PS.

azzjoni ta' spoll, imbasta jkun univoku u ma' jkunx ibbażat fuq mera tolleranza.[53]

Fil-każ *de quo*, l-atturi jsostnu li huma ilhom fil-pussess sa minn mindu akkwistaw l-art in mertu fl-1997. Jgħidu wkoll li huma rreġistraw l-art mar-Reġistru tal-Artijiet u kien biss fl-2007 li l-konvenut ressaq xi pretensjonijiet fuq din l-art permezz ta' kawzjoni kontra tali reġistrazzjoni tagħhom. Jinsistu li tali pretensjonijiet ġew eżaminati mir-Reġistratur ta' l-Artijiet li ċaħadhom favur l-atturi stante li l-atturi ppreżentaw il-kuntratti li bih huma akkwistaw l-art mentri l-konvenut ressaq biss denunzja *causa mortis*. Jgħidu wkoll li wara dan huma kienu jmorru f'din l-art b'mod regolari fejn kienu jaqtgħu l-ħaxix għall-annimali u jiżbru s-siġar tal-lewż. Jinsistu li tul dan iż-żmien ma' saru ebda pretensjonijiet oħra fuq din l-art minn ħadd u dan sal-2016 meta l-attur Raymond Tabone mar f'din l-art u sab li xi hadd kien daħal fiha, ħarata, żabar xi siġar u ħaraq xi ħatab fiha. L-atturi jsotnu dan b'affidavits rilaxxati mill-attur Raymond Tabone u ibnu Joseph Tabone. Iressqu wkoll bħala xhieda tagħhom diversi uffiċjali tal-pulizija li ħadu rapporti varji tagħhom u tal-konvenut rigward l-allegat spoll kif ukoll rappreżentanti mid-Dipartiment tal-Biedja u r-Reġistru tal-Artijiet li ppreżentaw diversi dokumenti li juru kemm it-titoli reġistrati fuq artijiet varji fiż-żona fejn tinsab l-art *de quo* kif ukoll rigwardanti l-art *de quo* proprju u jikkonfermaw ix-xhieda tal-attur Raymond Tabone rigward dati u proċeduri ta' reġistrazzjoni tal-art u kawzjonijiet fuq l-istess.

Minn naħħa l-oħra l-konvenut isostni li din l-art kienet għand l-antenati tiegħu iżda kienet għal żmien twil miżmuma minn terzi bi qbiela sa ma' ġiet lura għand familtu fuq talba ta' ommu li talbet lill-imqabblin tagħha jirrilaxxawa lura lilha. Jgħid li wara dan, l-art għamlet zmien ma' tinħadimx, fejn kien biss inaddafa u jieħu xi ħaxix minnha għall-annimali, sa ma' ddeċieda li jaħdimha. Jgħid li hawnhekk ġara li nqala' l-inkwiet mal-atturi. Jammetti iżda li żmien qabel, meta miet ħuh u għamlu d-denunzja tiegħu, huwa kien ġie a konoxxjenza tal-fatt li l-atturi kienu rreġistraw din l-art f'isimhom. Jinsisti wkoll li huwa qatt ma' qala' pilari li jimmarkaw li l-għalqa kienet qiegħda tinħadem iżda neħħa biss ġebel mixħut addoċċ.

---

[53] Vol XXXVII p. II p. 642. Ara wkoll id-decizjoni moghtija nhar l-24 ta' April, 1947 fl-ismijiet ***Cortis vs Sammut***.

Il-Qorti hija ben konxja tal-fatt li l-azzjoni ta' spoll hija radikata fuq l-esiġenzi ta' l-utilita' soċjali, intiża biex tagħti protezzjoni lil kwalunkwe' pussess u jiġi impedut liċ-ċittadin privat milli jieħu l-ġustizzja f'idejh.

Il-fini tal-azzjoni huwa dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt, jew turbat.[54] Huwa proprju għalhekk li l-istess disposizzjoni tal-liġi tagħmel referenza espressa għall-Artikolu 791 tal-Kap. 12 li jrid illi l-konvenut f'kawża ta' spoll ma jista' jagħti ebda eċċezzjoni li mhix dilatorja qabel ma jkun reġa' qiegħed il-ħaġa fl-istat pristinu. Huwa b'din il-mira li l-ġurisprudenza u d-dottrina legali jinsistu li l-Qorti għandha teżamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt ta' l-ispoll.

Fil-każ in eżami, din il-Qorti, għalkemm għandha żewġ verzjonijiet konfliġġenti għal xulxin, hija moralment konvinta li fuq bażi ta' probabilita' l-atturi kellhom (għall-inqas żgur fil-perjodu rilevanti għall-iskop ta' kawża ta' spoll) id-detenzjoni tal-art mertu tal-kawża. Konklużjoni li l-Qorti waslet għaliha wara li kellha l-opportunita' li tirrifletti fuq ix-xhieda tal-partijiet u xhieda addizzjonali mressqa minnhom.

Il-Qorti tosserva, in partikolari, li filwaqt li l-atturi kienu konsistenti fix-xhieda tagħhom, inkluż bid-dati tal-avvenimenti li wasslu għal dawn il-proċeduri mfissra b'mod ċar, liema dati ġew ukoll korraborati minn xhieda indipendenti, ix-xhieda tal-konvenut hija aktar sparsa stante li; għalkemm il-konvenut qal li l-art *de quo* dejjem kienet għand familtu, anke' jekk damu ma' ħadmuha sa meta nqala' dan id-diżgwid, u ressaq ukoll diversi xhieda li qalu li lilu jew lill-familtu jafuhom f'art fl-inħawi, ħadd minn dawn l-istess xhieda li ressaq il-konvenut ma' rnexxilu jidentifika l-art in kwistjoni meta muri l-pjanti in atti, apparti li fil-maġġoranza tagħhom dawn l-istess xhieda ddikjaraw li kien ilhom snin twal ma' jersqu lejn dawn l-inħawi tal-Qala.[55]

Il-konvenut jgħid ukoll li huwa qatt ma' neħħa pilari mil-art *de quo* mentri ritratti in atti[56] jikkonvinċu lil din il-Qorti mod iehor.

[54] Vol XLII p. II p. 973 kif ukoll Vol XLI p. II p. 846.
[55] Ara, partikolarment, ix-xhieda ta' Joseph Buttigieg u dik ta' Saviour Hili moghtija nhar id-9 ta' Novembru, 2021.
[56] A fol 47 tal-process

Il-Qorti hija wkoll aktar propensa temmen il-verzjoni tal-atturi rigward il-pussess tagħhom ta' l-art *de quo* tenut kont tal-fatt li l-konvenut, fuq ammissjoni tiegħu stess, kien jaf bil-presenza tal-atturi fl-art mertu ta' din il-vertenza sa għalmenu mill-2007 meta ġiet rifjutata kawzjoni li għamel fuq l-istess[57] kontra r-reġistrazzjoni tagħha mill-atturi mar-Reġistru tal-Artijiet. Madanakollu, wkoll fuq ammissjoni tiegħu stess, huwa daħal l-ewwel darba jaħdimha propjru, ossia jaħratha u jiżragħha, meta nqala dan id-diżgwid fl-2016. Il-Qorti ma' tasalx li taċċetta li wieħed li kien ilu jaf mill-2007 li hemm art li huwa jgħid li hija tiegħu iżda tinstab li hija rreġistrata fuq ħaddiehor idum sal-2016 ma' jieħu passi deċiżivi rigward l-istess. Barra minn hekk xhud minn tal-konvenut Raymond Buttigieg xehed in oltre li anke lill-atturi ġieli rahom fl-inħawi.

Fil-fehma tal-Qorti l-konvenut ma ġabx provi sodisfaċenti sabiex jipprova l-pussess vantat minnhu.

Dan magħdud, jibqa' allura l-kwistjoni ta' l-att spoljattiv nniffsu – *spoliatum fuisse* – ossia, li l-ispoljant għamel azzjoni kontra r-rieda tal-pussessur li eskludiet lill-pussessur mill-pussess. Jibqa' wkoll il-kwistjoni tat-terminu tal-azzjoni – *infra bimester deduxisse*.

*Dwar it-tieni element, huwa mehtieg li jintwera li l-ghamil spoljattiv ikun wiehed arbitrarju u maghmul kontra r-rieda tal-possessur b'mod li jista' jaghti lok ghal azzjoni ta' danni kontra min ikun wettqu. Huwa wkoll mahsub li l-ghamil irid ikun wiehed vjolenti jew imqar mistur ghall-gharfien tal-persuna li kellha l-pussess.* [58]

Mill-assjem tal-provi u mill-kunsiderazzjonjiet diġa magħmulha *supra* rigward il-pussess, il-Qorti tislet li ġjaladarba l-atturi rnexxilhom jippruvaw il-pussess tagħhom kif fuq spjegat u, il-konvenut, fuq ammissjonijiet tiegħu stess, jgħid u jirrepeti li huwa kien jaf bl-eżistenza tal-atturi sa' għalmenu mil-mewt ta' ħuh, li seħħet xi għaxar snin qabel, fl-2012. Dan ifisser li ma' kien hemm xejn xi jzomm lill-konvenut milli jieħu azzjoni bejn l-2012 u l-2016, meta, ukoll fuq ammissjoni tiegħu stess kemm fix-xhieda mogħtija fil-Qorti kif ukoll fid-dikjarazzjonijiet minnu magħmulha lill-pulizija u li jirrizultaw mir-rapporti in atti, daħal fl-art u ħaratha, azzjoni li wasslet għal dawn il-proċeduri.

---

[57] fol 242 tal-process – ara wkoll id-dokumenti a fol 152 sa 178 tal-process)

[58] Ref. decizjoni moghtija nhar it-23 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet ***Filomena Ellul vs Carmel sive Charles Ellul,*** Citazz. Nru. 428/2000/1 JRM.

Dan kollu magħdud mal fatt li d-dokumenti in atti eżebiti mix-xhieda indipendenti rappreżentanti tad-Dipartiment tal-Biedja u r-Reġistru tal-Artijiet juru li fil-fatt, il-konvenut kien jaf bl-atturi ferm qabel il-mewt ta' ħuh u d-denunzja *causa mortis* li segwiet dan l-avveniment u dan kif jirriżulta kjarament mill-atti relattivi għall-kawzjoni li għamel huwa stess flimkien ma' ħutu fl-2007 rigward ir-reġistrazzjoni ta' l-art da parti tal-atturi.[59]

Il-Qorti tasal għalhekk għal konkluzjoni li tali azzjoni tal-konvenut, li seħħet fl-2016 meta daħal u ħarat l-art ippusseduta mill-atturi ad insaputa tagħhom tammonta għal spoll u tissodisfa t-tieni element tal-azzjoni, l-i*spoliatum fuisse*.

Rigward it-tielet element illi sabiex tirnexxi l-azzjoni hemm bżonn li jkun hemm l-element l-*infra bimester deduxissi*, il-Qorti tosserva illi fuq il-kwistjoni li l-azzjoni spoljattiva li wasslet għal dawn il-proċeduri seħħet fl-2016 u, b'mod aktar speċifiku, tikkonsisti f'diversi azzjonijiet li bdew fis-26 ta' Ottubru, 2016; data li tirriżulta mix-xhieda tal-attur Raymond Tabone u ibnu Joseph Tabone kif ukoll dik tal-konvenut fejn jgħid li wara żmien ma' tinħadimx, huwa eventwalment ħarat din l-art u kien biss dakinhar li l-attur Raymond Tabone rrappurtah lill-pulizija, m'hemmx diżgwid.

Il-Qorti hawnhekk irreferiet għar-rapporti kollha tal-pulizija li jinsabu in atti minn fejn jirriżulta li l-aktar rapport antik huwa dak datat is-27 ta' Ottubru, 2016[60] dwar inċident li, fl-ewwel sezzjoni tar-rapport huwa deskritt bħala li ġara bejn is-16 u s-26 ta' Ottubru, 2016 iżda, fid-deskrizzjoni hemm imnissla rigward l-inċident (fis-sezzjoni tar-rapport intitolata 'azzjoni meħuda') jingħad li dan seħħ "il-bieraħ", ossia, il-ġurnata ta' qabel id-data tar-rapport, u allura s-26 ta' Ottubru, 2016 u għalhekk tenut kont tal-fatt li din il-kawża ġiet intavolata nhar it-22 ta' Novembru, 2016, l-element tat-terminu ta' xahrejn huwa sodisfatt ukoll.

[59] fol 242 tal-process – ara wkoll id-dokumenti a fol 152 sa 178 tal-process
[60] A fol 72 sa 74 tal-process

**Deċide:**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi u l-motivi ġia espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt illi:

i) tilqa' it-talbiet ta' l-atturi;
ii) tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut.

Għall-finijiet tat-tieni talba attriċi tipprefiġġi lill-konvenut terminu ta' xahar mil-lum sabiex jirreintegra lill-atturi fid-drittijiet kollha tagħhom relattivi għar-raba' magħrufa bħala "Ta' Fuq il-Ħotba", fil-limiti tal-Qala, Għawdex, bil-kejl ta' ċirka sitt mija u żewġ metri kwadri (602m.k.) konfinanti mill-Lbiċ in parti ma' beni ta' Vincenzo Magrin u in parti ma' beni ta' Ġużepp Buttiġieġ, Grigal ma' beni ta' Michele Cassar, u Majjistral ma' beni ta' l-aħwa Debono billi jirripristina l-art għall-istat li kienet fih qabel l-ispoll u jirrilaxxa l-istess a libera dispozizzjoni ta' l-atturi.

Jekk il-konvenut jibqa' inadempjenti fit-terminu lilu konċess, l-atturi qed jiġu minn issa awtorizzati jagħmlu dak minnhom mitlub fit-tielet talba tagħhom a spejjez tal-konvenut.

L-ispejjeż tal-kawża għandhom jkunu a karigu tal-konvenut.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana

Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco

Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur